MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1014/2013

**Rosita Xerri**

**vs**

**1) Keith Pace**
**2) Abdulhamid Abdullatef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Rosita Xerri detentrici tal-karta tal-identita` numru 137677M datat 22 ta' Ottubru 2013 fejn esponiet : -

Illi r-rikorrenti hi s-sid tal-fond numerat 9, Triq it-Trinita' Mqaddsa, Marsa.

Illi l-intimati jew min minnhom qed jokkupaw dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u ghalhekk l-okkupazzjoni da parti tal-intimati jew min minnhom tal-

istess fond hi wahda abusiva u illecita, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi l-intimati la hallsu u lanqas qed ihallsu xi haga ghall-okkupazzjoni taghhom ta' dan il-fond, u minbarra dan, lanqas qed ihallsu ghall-konsum tad-dawl u ilma.

Illi *inoltre* l-intimati jew min minnhom qed jikkagunaw danni kbar lir-rikorrenti minhabba l-okkupazzjoni illecita ta' dan il-fond.

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jizgumbraw mill-fond numerat 9, Triq it-Trinita' Mqaddsa, Marsa, dan sar inutilment.

Illi safejn taf ir-rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet kif hawn dedotti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghaldaqstant l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza skont it-talbiet u bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati qed jokkupaw il-fond numerat 9, Triq it-Trinita' Mqaddsa, Marsa minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jizgumbraw mill-fond numerat 9, Triq it-Trinita` Mqaddsa, Marsa.

Bl-ispejjez kontra l-intimati illi qed jigu ngunti ghas-subizzjoni, u b'riserva ghall-azzjoni tad-danni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati ghad-danni kagunati lilha minhabba l-okkupazzjoni illecita taghhom ta' dan il-fond, inkluz ghall-hlas tal-konsum tal-ispejjez tad-dawl u ilma.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta’ Novembru 2013.

Rat li l-intimati Keith Pace u Abdulhamid Abdullatef gew notifikati bir-rikors fis-7 ta’ Novembru 2013 (*a tergo* ta’ fol 4) u fil-5 ta’ Dicembru 2013 (*a tergo* ta’ fol 7) rispettivament.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta’ Jannar 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Robert Abela ghar-rikorrenti prezenti.

L-intimati u Dr Maria Cardona msejha tliet darbiet baqghu ma dehrux.

Irrizulta li l-intimat Abdulhamid Abdullatef huwa notifikat, izda baqa' ma deherx, kif ukoll lanqas deher l-intimat Keith Pace, biex jaghtu ragunijiet ghaliex ghandhom jopponu ghat-talbiet attrici,

U billi l-procedura odjerna hija procedura sommarja specjali, li tesigi li l-intimati ghandhom iressqu l-oppozizzjoni taghhom;

U billi ma rrizultax li giet prezentata l-ebda nota qabel is-smigh ta' din il-kawza;

Il-Qorti ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi li, fil-konfront tal-intimati, *a tenur* tal-Art 170 *et sequitur*, ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti *stante* li huma gustifikati u jirrizulta li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont il-ligi.

## II. <u>KONKLUZJONI.</u>

Ghaldaqstant tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw il-fond innumerat 9, Triq it-Trinita` Mqaddsa, Marsa minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lill-intimati sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum jizgumbraw mill-fond 9, Triq it-Trinita` Mqaddsa, Marsa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------